# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 31**

**Cit. Nru. 393/81 NA**

**Sunny Tabone**

**vs**

**Carmel Tonna u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Fl-24 ta' April, 1981 l-attur ipproceda kontra l-konvenuti bil-prezenti att tac-citazzjoni, li bih talab li l-karozza Ford minnu akkwistata tigi registrata f'ismu:-

> "L-attur, wara li ppremetta illi l-attur u l-konvenut Tonna ftehmu li jpartu l-karozzi taghhom u cioe' illi l-konvenut Tonna jaghti lill-attur il-Ford Cortina Nru. S-0977 u jiehu flokha l-karozza ta' l-attur Fiat 127 Nru. E-3997;
>
> Illi l-attur u l-konvenut Tonna hallsu l-boll dovut taz-zewg transfers tal-karozzi involuti u wara li gew iffirmati l-formoli

relattivi tal-Fiat 127, dina l-karozza giet fuq isem il-konvenut Tonna u peress illi in kwantu ghall-Ford Cortina l-konvenut Tonna ffirma l-formola relativa wara li thallas l-boll, u l-attur kellu jmur l-ghada sabiex huwa jiffirma l-istess formola u jsir it-transfer ta' dina l-karozza favur l-attur, dejjem skond il-ftehim;

Illi meta mar sabiex jiffirma l-formola relattiva l-attur, li thalliet f'idejn il-konvenut l-iehor, rrifjuta illi jhalli lill-attur jiffirma l-formola u qieghed jirrifjuta li jaffettwa t-transfer, u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi dan l-agir illegali baqa' jippersisti anke wara li l-konvenuti gew interpellati ufficjalment;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex tiddikjara".

1. Illi l-imsemmija karozza Ford Cortina Nru. S-0977 tigi registrata f'isem l-attur ghar-ragunijiet fuq imsemmija".

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut <u>Carmel Tonna</u> hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. L-esponent qatt ma ghamel xi ftehim ma' l-attur dwar tpartit ta' karozzi;

2. Il-ftehim ta' tpartit tal-karozzi Ford Cortina numru S-0977 u l-Fiat 127 numru E-3997 li sar ma' Gino Tabone huwa null ghax Gino Tabone ma kienx il-proprjetarju tal-car Fiat;

3. Bla pregudizzju ghas-suespost, it-tpartit huwa null ghax ma sarx bil-miktub, il-forma li tirrikjedi l-ligi "ad validitatem" ghal kull aljenazzjmoni "inter vivos" ta' karozzi;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-ftehim kien soggett ghal kondizzjoni rizoluttiva".

**Kontro-talba**

L-istess konvenut Tonna ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici biex ressaq is-segwenti kontro-talba:-

"Illi l-esponent ftiehem li jpartat il-karozza Ford Cortina numru S-0977, proprjeta' tieghu, ma' karozza Fiat 127 numru E-3997 li gab Gino Tabone;

Illi t-tpartit kellu jsir ta' malajr fil-Headquarters tal-Pulizija, l-esponent ghamilha cara lil Gino Tabone li jekk wara jirrizulta xi haga sostanzjalment hazina fil-Fiat, kellu jerga' jitqieghed kollox kif kien;

Illi Gino Tabone accertah li l-Fiat kienet f'kondizzjoni tajba, li qatt ma hadet daqqiet u li ma kienx se jidhaq bl-esponent;

Illi lahaq sar it-trasferiment tal-Fiat fuq l-esponent ghax Gino Tabone iffirma b'qerq stante li l-car Fiat ma kienetx tieghu izda ta' Sunny Tabone; waqt li t-trasferiment tal-Cortina ma setghax isir ghax il-pulizija riedu bilfors il-firma ta' Sunny Tabone u xi affarijiet ohra li ma kienux disponibbli;

Illi Gino Tabone ma hux il-proprjetarju tal-car Fiat;

Illi sussegwentement meta l-esponent ezamina l-Fiat, sabilha zewg toqob fil-qiegh u "cracks" fil-body;

Talab li l-istess Sunny Tabone jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara, ghar-ragunijiet premessi, li kwalunkwe ftehim dwar tpartit tal-karozzi msemmija huwa null;

2. tordna illi Sunny Tabone jaghti l-kunsens tieghu ghall-kancellament u l-isfilz ta' kwalunkwe dokumenti mill-files taz-zewg vetturi mizmuma l-Headquarters tal-Pulizija, u li saru in konnessjoni mat-tpartit li kellu jsehh, u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti, u fin-nuqqas li l-Kummissarju tal-Pulizija jigi awtorizzat jaghmel dan nonostante n-nuqqas ta' Sunny Tabone;

3. tordna lil Sunny Tabone jirritorna l-Ford Cortina numru S-0977 fil-pussess u taht il-kontroll ta' Carmel Tonna, u fin-nuqqas ihallas prezzha fl-ammont ta' elf u hames mitt lira (Lm1500);

B'rizerva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lil Carmel Tonna u bl-ispejjez kontra Sunny Tabone”.

Il-konvenut l-iehor il-Kummissarju tal-Pulizija hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

“Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dwar ir-registrazzjoni tal-karozza Ford Cortina Nru S-0977;

2. Illi l-kawza hi fl-uniku interess taz-zewg kontendenti l-ohra biss, u hu ma ghaddiex biex jeffettwa l-imsemmija registrazzjoni ghax kien jidher li hemm vertenza dwarha bejn iz-zewg kontendenti l-ohra u ried li dawn il-vertenzi jigu rizolti qabel ma ssir ir-registrazzjoni u ghalhekk ma ghandux ibati spejjez”.

**<u>Eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut Carmel Tonna</u>**

“1. Illi t-talbiet maghmula mill-konvenut Tonna fil-kontro-talba tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi preliminarjament it-talbha tieghu ghax-xoljiment ta’ ftehim hija perenta peress illi ghadda xahar fuq il-konsenja tal-karozza in kwistjoni;

2. Barra dan il-bejgh sar tale quale u l-esponent ma jafx illi hemm dawn id-difetti li gew allegati mill-esponent;

3. Illi ghalhekk dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez”.

**Eccezzjonijiet ulterjuri**

Il-konvenut Carmel Tonna eccepixxa ulterjorment illi t-tpartit taz-zewg vetturi in kwistjoni huwa null peress li t-transfer form tal-karozza Fiat numru E-3997 ma kienetx giet iffirmata mill-attur, il-proprjetarju ta' l-istess karozza, izda giet iffirmata minn hu l-attur, Gino Tabone, li ffirma "Sunny Tabone".

**Espert kalligrafu**

L-ewwel Qorti b'digriet taghha tat-30 ta' Mejju, 1985 kienet innominat lil Dr. Abela Medici bhala espert kalligrafu. Minn dan id-digriet sar appell u l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' sentenza tat-23 ta' Gunju, 1989 cahdet dan l-istess appell.

Fl-14 ta' Jannar, 1991, pero' l-ewwel Qorti rrevokat id-digriet moghti li bih gie nominat Dr. Abela Medici u minn floku gie mahtur Dr. Alfred Vella, li wkoll b'digriet sussegwenti tad-29 ta' April, 1991, gie sostitwit minn Joseph Gaffiero. Dan l-ahhar espert kalligrafu pprezenta r-rapport tieghu fil-5 ta' April, 1993, u dan gie mahluf fl-24 ta' April ta' l-istess sena.

L-ewwel Qorti, mbaghad, b'digriet taghha tal-15 ta' Dicembru, 1993, kienet cahdet talba ta' l-attur ghan-nomina ta' periti perizjuri, u wara li semghet it-trattazzjoni tal-kawza ddecidietha finalment.

**Decide**

B'sentenza tat-22 ta' Novembru, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza hekk:-

> "Ghaldaqstant dina l-Qorti tichad it-talba ta' l-attur, tilqa' t-talba tal-kovnenut maghmula fil-kontro-talba tieghu u tiddikjara li kwalunkwe ftehim dwar dawn iz-zewg karozzi msemmija huwa null, tordna lil Sunny Tabone jaghti l-kunsens tieghu ghall-kancellament u l-isfilz ta' kwalunkwe dokument fil-files taz-zewg vetturi mizmuma fil-Headquarters tal-Pulizija, u dan fi zmien hmistax-il gurnata millum, u fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenut l-iehor il-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel dan nonostante in-nuqqas ta' kunsens ta' l-istess Sunny Tabone, tordna wkoll lill-istess Sunny Tabone biex jirritorja il-Ford Cortina S-0977 fil-pussess tieghu, b'dan pero' li l-konvenut ukoll ghandu jirritorna il-Fiat proprjeta' ta' l-istess attur li tinstab fil-pussess tieghu u dan fi zmien xahar millum.
>
> Dwar il-likwidazzjoni ta' danni fin-nuqqas ta' konsenja u xi danni ohra fuq dawn iz-zewg vetturi, il-Qorti qeghda minn issa tirrizerva lill-partijiet dawk l-azzjonijiet lilhom spettanti skond il-ligi, ghax f'dan l-istadju hija ma ghandha ebda prova dwar il-valuri ta' dawn iz-zewg vetturi u l-kondizzjoni prezenti taghhom.
>
> L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-istess attur".

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Illi l-fatti tal-kaz kif esposti fic-cirkostanzi huma s-segwenti:

L-attur isostni li kellu jsir tpartit bejnu u bejn il-konvenut Tonna, ta' zewg karozzi li permezz tieghu l-konvenut kellu jaghti lill-attur il-karozza Ford Cortina numru S-0977 u jiehu flokha il-karozza ta' l-attur Fiat 127, Numru E-3997;

Isostni l-attur li hu u l-konvenut hallsu il-boll taz-zewg transfers u wara li gew iffirmati l-formoli relattivi rigward il-Fiat 127, dina giet fuq isem il-konvenut.

Dwar it-transfer tal-karozza tal-kovnenut, wara li thallas il-boll, pero' saret il-firma tal-konvenut, pero' l-attur ma thalliex jiffirma;

Huwa ghalhekk talab biex tigi registrata il-Cortina fuq ismu, pero' il-konvenut baqa' jirrifjuta;

L-iostess transfer ma sarx ghax il-konvenut kien avza lill-konvenut l-iehor u cioe' lill-Kummissarju tal-Pulizija biex dan it-transfer ma jsirx. L-istess konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija jaccetta li huwa ma ghamilx dan it-transfer fuq protest verbali tal-konvenut Tonna;

Il-konvenut Tonna isostni li ma sar ebda ftehim ma' l-attur Saviour Tabone izda ma huh Gino Tabone, u dana il-ftehim huwa null ghax dana l-istess Gino Tabone ma kienx proprjetarju tal-Fiat. Huwa null wkoll jghid hu, ghax ma kienx hemm kitba;

Mela fil-fatt marru d-Depot, il-konvenut u Gino Tabone u mhux l-attur Saviour, sar it-transfer tal-Fiat lill-konvenut, pero' dina l-firma saret b'qerq minn Gino Tabone, stante li l-karozza ma kienetx tieghu izda ta' huh Sunny Tabone; u ma setghax isir it-transfer tal-Cortina ghax il-Pulizija riedu il-firma ta' l-attur, li kien hu l-proprjetarju tal-Fiat u mhux huh Gino;

Apparti minn dan, il-ftehim kien suggett ghal kondizzjoni rizoluttiva;

Fil-kontro-talba huwa jghid li l-kondizzjoni rizoluttiva kienet li l-Fiat kienet tajba u li ma haditx daqqiet, mentri irrizulta li kellha t-toqob fil-qiegh u 'cracks' fil-bodu;

L-attur isostni li l-bejgh sar ‘tale quale’. Illi apparti minn dan ghadda aktar minn xahar mid-data tal-konsenja u ghalhekk l-istess konvenut ma kellux dritt jaghmel azzjoni ghal difetti mohbija;

Il-Qorti sejra mill-ewwel tezamina dina l-kwistjoni, u dana ghall-kompletezza tal-gudizzju, stante illi l-kwistjoni li qamet principalment f’dina l-kawza ma hijiex dwar id-difetti latenti, imma dwar il-validitajiet ta’ l-iskritturi annessi li jirrigwardaw it-transfer taz-zewg karozzi. Pero’ dwar dan il-punt u cioe’ tad-difetti mohbija, ghandu ragun l-attur fl-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenut, li z-zmien biex issir l-azzjoni ghad-difetti latenti ghadda, u ghalhekk ma hemmx azzjoni;

L-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 infatti jipprovdi li dwar mobbli l-azzjoni trid issir fi zmien xahar mill-konsenja;

Huwa car mid-dokumenti esebiti li c-citazzjoni giet prezentata aktar minn xahar wara;

Wiehed jigi ghalhekk ghall-kwistjoni principali u cioe’ kienux validi d-dokumenti li permezz taghhom gew ittrasferiti dawn il-karozzi;

Kif xehed rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Puliziija ma tirrikonoxxix li jista’ jsir tpartit, u allura fil-kaz prezenti bhal kazijiet ohra huma esigew li jsiru zewg ‘notice of transfers’ ghall-karozzi rispettivi;

Ghal kull wahda minn dawn in-‘notices’ japplika l-Artikolu 40 tal-Kapitolu 294 ta’ l-Att XXXI ta’ l-1981;

Dan l-Artikolu jipprovdi li kwalunkwe bejgh ta’ karozza trid issir ‘ad validitatem’ bi skrittura privata. Kif gie deciz anke ricentement fil-Qorti ta’ l-Appell (Aquilina vs. Camilleri deciza fis-16 ta’ Novembru, 1994) biex tghaddi il-proprjeta’, dina l-iskrittura hija essenzjali ghalkemm mux necessarju ghall-validita’ ta’ dina l-iskrittura li jkun thallas il-boll;

Meta wiehed jigi biex jezamina dawn l-istess skritturi li fotokopja taghhom tinsab a fol. 58 u 59 tal-process, u anke fotokopja ohra band’ohra fl-istess process, wiehed ftit jista’ jikkommenta fuq in-notice of transfer li permezz taghha giet trasferita l-vettura Cortina, u cioe’ il-karozza li kienet proprjeta’ tal-konvenut li suppost giet trasferita lill-attur. Fuq din in-‘notice of transfer’

hemm biss il-firma tal-konvenut u mkien ma hemm il-firma ta' l-istess attur;

Dana it-transfer ghalhekk zgur li ma sarx u ghalhekk, infatti l-attur proprju fit-talba tieghu qed jitlob lill-Qorti biex l-istess Cortina tigi registrata f'ismu;

Il-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija dwar in-'notice of transfer' l-ohra, u cioe' dik fejn il-Fiat 127 giet trasferita mill-attur ghal fuq isem il-konvenut;

Fuq dan it-'transfer form' jezistu zewg firem, wahda allegatament ta' l-attur u l-ohra ta' l-istess konvenut;

Il-konvenut qieghed isostni li l-firma ma hijiex ta' l-attur, li hu qatt ma kien prezenti d-Depot meta giet iffirmata dina n-'notice of transfer' u li huh Gino ffirma floku;

Ghaldaqstant hu jsostni li fejn il-firma ma hijiex ta' l-atur imma ta' huh ma hijiex valida u sussegwentement lanqas in-'notice of transfer' ma huwa validu;

Dina l-Qorti gia kellha diversi okkazzjonijiet fejn irrimarkat illi kif gie deciz kemm-il darba anke mill-Qorti ta' l-Appell f'kamp civili, il-kawza trid tigi deciza skond dik ic-certezza morali li jasal ghaliha l-gudikant fuq il-provi li jkollu quddiemu, u dan wara li jkun wasal ghall-konkluzzjoni li fuq dawk il-provi migbura tezi wahda hija aktar probabbli mill-ohra;

Dan jezisti partikolarment f'kaz bhall-prezenti, fejn iz-zewg verzjonijiet li qed jinghataw mill-partijiet huma totalment konfliggenti. Tant hu hekk li fix-xhieda tieghu stess il-konvenut, f'okkazzjoni jghid, illi hu qed jghid hekk, l-attur qed jghid mod iehor, u hu ovvvju li xi wiehed minnhom qed jiehu gurament falz;

Hkk jixhed il-konvenut fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 1984;

"F"Marzu, 1981 kont bdejt procedura ta' tpartit ta' Cortina ma' Fiat proprjeta' ta' Sunny Tabone. It-tpartit sar fil-fatt minn huh Gino, taht l-impressjoni li l-karozza Fiat kienet ta' Gino u mhux ta' Sunny", u aktar tard: "Fl-istess jum ta' tpartit kont mort id-Depot ma' Gino, sabiex isir it-transfer. L-ufficcju tat-transfers kienu ghalqu, izda Gino li ghandu huh pulizija sab habib tieghu mpjegat, certu Herrera, jahdem il-Licensing Office dak iz-zmien u dan gab it-'transfer sheets'. Jiena iffirmajt 'zewg transfer' sheets, (wahda ghal kull karozza) waqt illi Gino iffirma biss

'transfer sheet' tal-Fiat minghajr biss ma pprezenta prokura minghand huh".

Gino Tabone invece, hu l-attur, hekk xehed fis-6 ta' Marzu, 1985 quddiem il-Perit Legali:

"Wara gimgha gie u staqsieni biex naghmlu it-transfer, mar hija mieghu biex jaghmel it-transfer. Jien minn dakinhar ma rajtux izjed".

U fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 1983, quddiem dina l-istess Qorti, l-attur jghid:

"Jiena ma kontx iffirmajt ghat-transfer tal-karozza Cortina S-0977 ghax ma kellix il-hamsin lira (Lm50) rikjesti fuqi. Mort in segwitu biex inhallas, u s-segretarja ta' hemm qaltli li t-transfer ma huwiex qieghed hemm. Ma nafx imbaghad x'gara".

Saviou Tonna ghalhekk f'din ix-xhieda tieghu jaghti spjegazzjoni ghaliex hu fil-fatt ma ffirmax iz-zewg formoli dakinhar li hu jsostni li mar id-depot mal-konvenut, ghax li kieku l-Qorti kien ikollha id-dubbju! Il-ghaliex l-attur ma ffirmax dawn iz-zewg formoli?

Pero' hawn tigi kwistjoni ta' kredibilita' tax-xhieda li qed tinghata. L-uniku xhud li jista' jissejjah indipendenti u li gie prodott f'din il-kawza, huwa David Leone Ganado, li rrapprezenta lill-Kummissarju tal-Pulizija u li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 1982 xehed dwar x'kien hemm fil-files tad-Depot. L-iktar parti rilevanti fl-istess xhieda hija dik fejn jghid:

"Kwantu ghall-applikazzjoni ta' l-4 ta' Marzu rigwardanti l-karozza S-0977, jirrizulta mill-file illi dina l-applikazzjoni kienet giet ipprezentata minn Gino Tabone, u kif diga' ghidt ma kellhiex il-firma ta' Saviour Tabone. Gino Tabone kien informa lill-ufficcju illi Saviour Tabone kellu jmur jiffirma l-ghada".

Dina x-xhieda hija kollobrata miz-zewg 'notices of transfers' li jezistu, ghax filwaqt li fin-'notice of transfer' dwar il-Fiat 127 hija ittimbrta 27 ta' Frar, 1981, dik rigward il-karozza Cortina hija ttimbrata 4 ta' Marzu, 1981;

Sa hawnhekk jirrizulta li l-verzjoni tal-konvenut hija aktar verosimili, li meta hu mar id-depot kien akkompanjat minn Gino Tabone u mhux mill-attur Saviour Tabone;

Kif gia inghad il-Qorti kienet qabbdet lill-espert kalligrafu Joseph Gaffiero. Dan l-espert wasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt il-firma ma kienetx ta' Sonny Tabone;

Minkejja li l-kwalifiki u l-kompetenza ta' dan l-istess perit tekniku gew abilment eskussi mill-avukat ta' l-istess attur, dina l-Qorti mill-ezami tal-firem li hemm esebiti mad-dokumenti fil-process, tasal biex hija wkoll taqbel mal-konkluzzjoni li wasal ghaliha l-istess perit kalligrafu;

Hekk jipprovdi l-artikolu 635 tal-Kapitolu 12:

> "Meta hu mehtieg li tigi verifikata il-kitba, ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument, dik il-prova tista' issir".

Subinciz (d)

> "Bi tqabbil ta' kitba ma' ohra, jew b'cirkostanza ohra jew kongettura", sub-inciz (e) "b'periti tal-kitba, meta tkun kitba difficili biex tigi verifikata".
>
> Il-Qorti adoperat dawn iz-zewg mezzi u meta ghamlet hekk u rat ix-xhieda fuq imsemmija tasal ghal dik il-konvinzjoni morali li l-verzjoni li qed tigi moghtija mill-konvenut hija dik li hija l-vera, jew almenu dik li fuq bilanc ta' probabilita' hija dik li f'kamp civili ghandha tigi emmnuta".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-attur appella minn din is-sentenza b'diversi aggravji li wassluh biex jitlob:-

1. Ir-revoka tad-digrieti tal-15 ta' Dicembru, 1993 u tas-6 ta' Lulju, 1994 li bihom giet michuda t-talba tieghu ghan-nomina ta' periti

addizzjonali wara r-rapport peritali ta' Joseph Gaffiero u talab minflok li tigi milqugha l-istess talba ghan-nomina ta' periti perizjuri skond il-ligi;

2. Ir-revoka tad-digriet tas-26 ta' April, 1994, li bih l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tar-rapport ta' Dr. Abela Medici u minflok jigi awtorizzat il-prezentata ta' tali rapport li kien bazat fuq studju xjentifiku tal-firem tal-partijiet fin-notices of transfer relativi; u

3. Ir-revoka tas-sentenza fil-mertu b'talba li minflok jigu milqugha t-talbiet tieghu sabiex il-Ford Cortina Reg. No. S-0977 tigi registrata fuq ismu wara li jigu michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut kif ukoll il-kontro-talba tieghu.

L-appell ta' l-attur ghandu zewg aggravji principali distinti, wiehed li jirrigwarda d-decizjoni fis-sentenza appellata rigward il-kontro-talba tal-konvenut, u l-iehor li jirrigwarda c-cahda tat-talba kif dedotta fl-att tac-citazzjoni.

Din il-Qorti ezaminat l-aggravji fit-termini kif dedotti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u wkoll fil-parametri ta' l-azzjoni kif delinejati fl-att tac-citazzjoni u fil-kontro-talba.

Din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi filwaqt li l-aggravju ta' l-appellant fir-rigward tad-decizjoni dwar il-kontro-talba kien in parti korrett, u kellu jigi milqugh, dak fir-rigward ta' l-azzjoni principali tentata mill-attur ma setghax jigi sostnut u kellu jigi michud.

**L-Aggravju fir-rigward tal-kontro-talba**

L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ddecidiet erronjament li tilqa' t-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu stante li sostniet (a) li t-transfer form dwar il-Ford Cortina ma kienetx iffirmata minnu, u (b) li huwa ma ffirmax it-transfer form tal-Fiat. Hu jissottometti li tali konkluzzjonijiet, apparti li fattwalment zbaljati, huma extra petita inkwantu jirrigwardaw il-kontro-talba stante li, ghalkemm l-ewwel Qorti sostniet li laqghet it-talba tal-konvenut maghmula fil-kontro-talba tieghu, dan ma setghax isir peress li l-unika premessa li saret ghal dik it-talba kienet biss li l-Fiat kienet difettuza. Infatti, kif sewwa sostniet l-istess Qorti, l-azzjoni tal-konvenut kienet wahda bazata fuq id-difetti latenti, tant illi rriteniet li l-kontro-talba kif proposta kienet perenta billi kien iddekorra t-terminu perentorju stabbilit fl-art. 1431 tal-Kap 16.

Hu car, u dan hu ribadit ukoll fis-sentenza appellata, illi safejn il-kontro-talba hi bbazata fuq allegat vizzju latenti li kien altrimenti jintitola lill-kompratur biex jirrexindi l-bejgh, tali rimedju ma kienx ghadu accessibbli

ghall-konvenut appellat billi t-terminu kien thalla jiddekorri inutilment. Inoltre, u f'dan ghandu ragun l-appellant, il-kontro-talba, inkwantu bazata fuq din il-kawzali tipprezupponi l-ezistenza ta' ftehim validu u dan hu in kontradizzjoni netta mal-pretensjoni tal-konvenut appellant illi l-ftehim ta' bejgh kien inezistenti billi kien mankanti f'element essenzjali tieghu, dak cioe' ta' skrittura legalment vinkolanti. Pretensjoni li effettivament, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant, l-istess appellat sostna bhala wahda mill-premessi ghall-ewwel talba tieghu, dik cioe', illi l-Qorti tiddikjara "li kwalunkwe ftehim dwar tpartit ta' karozzi msemmija huwa null".

Infatti l-appellat iddikjara bil-premessi tieghu illi "lahaq sar it-trasferiment tal-Fiat fuq l-esponent "il-konvenut" ghax Gino Tabone iffirma b'qerq, stante li l-car Fiat ma kienetx tieghu izda ta' Sunny Tabone, waqt li t-trasferiment tal-Cortina ma setghax isir ghax il-Pulizija riedu bilfors il-firma ta' Sunny Tabone u xi affarijiet ohra li ma kienux disponibbli. Illi Gino Tabone ma hux il-proprjetarju tal-car Fiat". Il-kontro-talba allura jidher li hi proposta fuq zewg binarji differenti u kontradittorji fi sforz tal-konvenut li jutilizza kull forma ta' difiza lilu accessibbli. Din l-ambivalenza pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, iddghajjef il-kontro-talba tant illi l-ewwel talba fiha difficilment tinkwadra ruhha fil-premessi kif proposti, inkwantu dawn huma bazati fuq id-difett mohbi. Sa hawn l-aggravju ta' l-appellant jirrizulta fondat.

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li mill-kontro-talba, inkwantu kienet promossa fuq il-premessa tan-nullita' ta' l-iskrittura, setghet tigi salvata billi kienet tekwivali ghall-kontestazzjoni dwar il-validita' tal-ftehim li fuqu l-attur appellat kien qed isostni l-azzjoni principali u li essenzjalment l-appellant kien ukoll qed jikkontestaha per via di eccezzione. Ghalkemm l-attur, fl-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba, ghazel li jinjora dan l-aspett tan-nullita tal-ftehim u qies li l-istess kontro-talba kienet biss wahda ghax-<u>xoljiment</u> tal-ftehim minhabba l-allegat difett latenti, il-verita' hi li l-ewwel talba fil-kontro-talba kienet propju ghad-dikjazzjoni tan-nullita' ta' dan il-ftehim u mhux ghax-xoljiment tieghu.

F'dan is-sens allura is-sentenza appellata kienet sewwa tindirizza l-konsiderazzjoni taghha fir-rigward tal-kontro-talba, anke jekk forsi mhux b'mod daqstant linejari u car. L-ilment ta' l-appellant illi l-unika premessa li saret fil-kontro-talba kienet li l-Fiat kienet difettuza ma kienx allura fattwalment korrett.

Mill-banda l-ohra, kif inghad, indubbjament il-premessi proposti ghat-talbiet fil-kontro-talba kienu konfliggenti u kienu jipprospettaw zewg tipi ta' azzjoni differenti li ma setghux jezistu flimkien. F'cirkostanzi ohra l-Qorti kienet tqis gust li tapplika l-principju li l-azzjoni fil-kontro-talba, kif

proposta, ma setghetx tregi. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, pero', una volta kif inghad, din il-Qorti tirravviza komplimentarjeta' bejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghall-azzjoni principali u l-ewwel talba tieghu fil-kontro-talba, kien sewwa li l-istess kontro-talba tigi, sa fejn hu possibbli, salvata, jekk xejn ghall-ekonomija tal-gudizzju u biex dawn il-proceduri jitwasslu ghal ezitu finali u utli li jiddetermina l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti. Hu sewwa pero' li jkun hemm, taht dan l-aspett, temperament fil-kap ta' l-ispejjez, inkwantu gustament l-attur appellant kien intitolat ghall-verifika ulterjuri f'dan l-aspett tal-vertenza.

**<u>L-ilment fir-rigward tat-talba principali</u>**

L-appellant jilmenta fuq kollox mill-mod kif l-ewwel Qorti kienet sostniet ir-rapport, skond hi zbaljat, tal-perit kalligrafu tekniku Joseph Gaffiero. Kienet cahdet it-talba tieghu ghan-nomina ta' periti addizzjonali, u inoltre kienet impedietu li jressaq bhala prova rapport ex parte tal-perit kalligrafu, Dr. Abela Medici, biex jistabilixxi li l-firma dwar id-dokument tat-trasferiment tal-vettura kienet ta' Sunny Tabone.

Kellu jkun pacifiku li l-ebda Qorti ma kienet marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta' rapporti ta' periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Aktar u aktar ma kienetx marbut li bilfors tilqa' talba ghal hatra ta' periti addizzjonali. Din kienet materja li l-ligi thalli ghal kollox f'idejn id-

diskrezjoni tal-Qorti. Il-ligi tirregola biss kif kellhom jinhatru l-periti addizzjonali f'kaz illi l-Qorti jidhrilha li kien jehtieg li hekk taghmel ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza.

Jigi rilevat li n-nomina ta' perit fl-ewwel lok kienet intiza biss biex il-Qorti takkwista permess tal-perit prova teknika li altrimenti ma kienetx tkun accessibbli ghaliha. Kien allura car li din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex, bhala regola, tindahal biex tissindika d-diskrezzjoni u l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-grad tal-prova illi kienet tehtieg li kellha ssir biex tasal ghall-konkluzzjoni taghha, anke fuq materja teknika.

Multo magis meta dik il-materja tkun wahda regolata bil-ligi, kif hi l-grad ta' prova mehtieg biex tigi kostatata l-awtenticita' tal-firem fuq dokumenti. F'dan il-kuntest l-ewwel Qorti gustament taghmel riferenza ghad-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jispecifikaw kif u sa fejn kien mehtieg li l-Qorti tassisti ruhha bl-operat ta' periti teknici. Il-ligi tghid b'mod car li l-verifika ta' kitba jew firma fuq dokument setghet issir b'diversi modi li jnisslu fil-gudikant il-konvinzjoni mehtiega biex twasslu ghac-certezza ta' l-awtenticita' taghhom sal-grad mixtieq.

L-ewwel Qorti kienet sodisfatta li l-konkluzzjoni li kien wasal ghaliha l-espert minnha nominat, illi l-firma taht ezami ma kienetx dik ta' Sunny

Tabone, kienet korretta u kienet, fil-fehma taghha, korroborata minn ezami tal-provi kollha ghad-disposizzjoni taghha li hi kkonduciet. L-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment li ma setghax kien l-attur li ffirma t-transfer tal-Fiat ghax dan ma kienx prezenti fid-Depot tal-Pulizija ghat-transfer. Kien prezenti huh Gino Tabone li ffalsifika l-firma ta' l-attur appellant.

L-ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda indipendenti ta' rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, apparti minn dak li kkonkluda l-espert kalligrafu mill-istess imqabbad, u li indubbjament ma kellu l-ebda interess fl-ezitu tal-kawza. Una volta l-ewwel Qorti kienet konvinta illi l-firma fuq it-trasferiment tal-Fiat ma kienetx ta' l-attur appellant, izda ta' Gino Tabone, huh, kienet inevitabbli l-konkluzzjoni taghha illi l-att ta' trasferiment li fuqu kienet qed tistrieh it-talba attrici kien wiehed vizzjat, null u ghal-ligi inezistenti. Fuq din il-kostatazzjoni biss l-ewwel Qorti gustament waslet ghall-konkluzzjoni li t-talbiet attrici ma setghux jigu sostnuti. L-aggravju ta' l-appellant f'dan il-kontest m'hu xejn hlief kritika analitika ta' dan l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jzid xejn ta' sustanza li kien jikkonvinciha biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti fir-rigward ta' dan l-aspett vitali tal-vertenza.

L-isforz ta' l-appellant fir-rikors ta' l-appell biex jittanta jiskredita l-provi hu notevoli, anke fejn hu kritiku tad-digrieti ta' l-ewwel Qorti li bihom iddeklinat talbiet fir-rigward tan-nomina ta' periti addizzjonali u tal-prezentata tar-rapport tekniku ex parte. L-appellant jipprospetta diversi ipotesijiet u argumenti in sostenn tat-tezi tieghu, pero' dawn essenzjalment jinjoraw ir-rejalta' semplici illi l-ewwel Qorti, fil-fehma konsidrata taghha, dehrilha li kienet ikkonstatat cioe' illi ma kienx possibbli li dokument ta' transfer jigi ffirmat personalment minn persuna li ma kienetx prezenti fil-mument tal-firma. Ghal din ir-rejalta' li minnha l-ewwel Qorti kienet konvinta, l-appellant ma seta' u ma jista' jaghti l-ebda risposta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Kif fuq inghad hemm lok pero' ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez ta' dana l-appell ghar-ragunijiet fuq indikati, inkwantu s-sentenza appellata fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet dwar il-kontro-talba kienet tehtieg verifika ulterjuri. L-ispejjez ta' l-appell kellhom allura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti, u dawk tal-prim'istanza kellhom ikunu a karigu ta' l-attur kif determinati bis-sentenza appellata.

Dep/Reg

mm